# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru 3019**

Kaz Numru 4106/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Leonard Scerri (K.I. 0365871M)

U

L-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta (constructive dismissal)*

Illum: 20 ta' Settembru, 2024

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud., MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 19 ta' Ottubru, 2022 permezz ta' l-avukat Dr Robert Gauci Maistre' f'isem is-sur Leonard Scerri. Minn naha l-ohra s-socjeta', l-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni irrispondiet fil-25 ta' Novembru, 2022 permezz ta' l-avukatessa Dr Anita Giordimaina.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi il-kaz fil-perjodu stipulat mill-ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrenti kien impjegat tas-Servizz Pubbliku fi grad 5 imma kien "*detailed*" a bazi ta' *public policy* ma' l-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni. Fil-21 ta' Gunju, 2022 huwa nforma lis-Segretarju Permanenti illi kien qed jirrizenja b'effett immedjat mill-impjieg tieghu minn ma' l-Awtorita' intimata. L-esponent jghid li kien kostrett li jaghmel dan ghaliex kien sfurzat u ghalhekk jikkontendi li dan kien kaz ta' "*constructive dismissal*". Ir-rikorrenti talab lit-Tribunal jiddikjara illi l-agir

tal-Awtorita' intimata wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponent u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Minn naha l-ohra, s-socjeta' tghid li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li dan il-kaz ghandu jitqies bhala wiehed pre-matur, improponibbli u intiz biex jizgwida u joskura l-Awtorita'. Ghalhekk is-socjeta' tikkontendi li dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrenti ghaliex ir-rizenja tieghu ghandha titqies bhala decizjoni volontarja u konxja da parti tieghu.

**<u>Fatti tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrenti kien "*detailed*" mis-servizz pubbliku ghal ma' l-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni nhar is-27 ta' Dicembru, 2021 fuq kuntratt definit ta' tliet snin *full time* fil-pozizzjoni ta' Senior Head Finance and Administration. L-esponent jghid li l-esperjenza tieghu lavorattiva ma' l-Awtorita' kienet difficli ghaliex ma sabx appogg, anzi jghid li sab tfixkil b'mod partikolari mis- Senior Head HR and Standards.

Jghid li kien responsabbli biex jimmanigja il-finanzi u l-*procurement* ta' l-Awtorita' fost ohrajn. Izid li fuq struzzjonijiet tal-Ministeru beda jahdem fuq badgits ghal l-Awtorita' biex jigu pprezentati lil Gvern bhala parti mill-estemi generali. Jghid li l-*emoluments* personali kienu mfassla fuq il-pagi stabbiliti fil-ftehim kollettiv u fuq il-*Management Financial structure* approvata mid-direttorat tal-*Personnel and Standards* tas-Servizz Pubbliku. Ma' dawn bena ukoll badgits ghan-nefqa operativa ta' l-Awtorita'.

F'Mejju inbidel is-CEO u dahal gdid fil-post is-sur Jesmond Muscat. L-esponent jghid li mal-ewwel gibed l-attenzjoni tas-CEO il-gdid dwar allegat tliet kazijiet ta' abbuz ta' poter u potenzjalment misapproprjazzjoni ta' fondi pubblici kif ukoll irrapporta d-diffikultajiet li kien qed jiffacja fil-konfront tas-Senior Head HR and Standards. Jghid ukoll li fl-istess jum kellu laqgha mac-Chairperson tal-Bord ta' l-Awtorita' li maghha rrakkonta l-istess sitwazzjonijiet. L-esponent jghid li wara dan, l-affarijiet flok tjiebu kif xtaq marru ghal aghar filwaqt li l-ambjent tax-xoghol sar aktar difficli li hu jiddeskrivi bhala "kwazi impossibbli". Minkejja li xorta baqa' jippersisti f'xogholu hu jallega li kien sar il-focus ta' dawk li riedu jgibu l-impjieg tieghu ma' l-Awtorita', fi tmiemu.

Fit-13 ta' Gunju, 2022 kien mitlub mill-Ministeru biex jipprepara ezercizzju ta' "*cost cutting*". Ghal dan l-iskop, ir-rikorrenti hatar kumitat ta' sitt kollegi anzjani fl-Awtorita' biex jghinuh f'xi partijiet mill-formolazzjoni tal-*work book*, l-HR plans

u l-badgits. L-esponent jghid li kellu *working doc* b'aktar dettalji, inkluzi s-salarji ta' l-impjegati, li ukoll qassam lil dawn is-sitt persuni "biex kulhadd ikun jaf ahjar il-piz tan-nefqa fejn l-aktar li tinsab" – ref affidavit folio 68.

Fis-17 ta' Gunju, 2022 l-esponent kien imsejjah mis-CEO fejn wera d-dizappunt tieghu li r-rikorrenti kien iccirkola l-pagi ta' l-impjegati u b'hekk inholqot kommossjoni fost l-impjegati. Ir-rikorrenti jghid li offra li jirtira l-emajl li kien baghat - ref folio 75.
Wara nofs inhar ir-rikorrenti rega ssejjah fl-ufficcju tas-CEO fil-prezenza tas-Senior Head HR and Standards fejn jallega li s-sur Muscat qallu biex it-Tnejn 20 ta' Gunju, 2022 ma jattendix ghax-xoghol sabiex is-CEO ikollu cans jikkonsulta mas-Segretarju Permanenti dwar il-kaz.

Nhar it-Tlieta 21 ta' Gunju, 2022 ir-rikorrenti rega ssejjah fl-ufficcju tas-CEO u fil-prezenza tas-Senior Head HR and Standards, is-CEO tah zewg options; jew li jirrezenja mill-impjieg ma' l-Awtorita' b'effett immedjat jew jinghata l-ittra ta' terminazzjoni. Ir-rikorrenti jghid li ma kien fadal ebda *"mutual trust and confidence"* li jgib mieghu kuntratt tax-xoghol u ghalhekk hass li ma kellux ghazla ohra hlief li jirrezenja. Ghalhekk jghid li mhux veru li kien hareg bil-*leave* minn jeddu biex jahsibha qabel jaghmel l-ghazla.

Minn naha l-ohra s-socjeta' targumenta li ma kien hemm ebda ksur ta' kuntratt tax-xoghol minn naha ta' l-Awtorita' ghaliex ir-rizenja tar-rikorrenti minn ma' l-Awtorita' kienet ghazla libera ta' l-appellant. Infatti s-socjeta' tghid li l-emajl tar-rizenja li baghat l-appellant lis-CEO kienet wahda legittima u li l-appellant setgha facilment jaghzel li joqghod u jikkumbatti l-allegazzjonijiet kontrih flok jaghzel, liberament, li jirrezenja. Tant li s-CEO jghid li l-options ta' rizenja jew terminazzjoni inghataw lir-rikorrenti nhar il-Gimgha 17 ta' Gunju u mhux nhar il-Tlieta 21 ta' Gunju u ghalhekk l-esponent ha l-*leave* fil-jum tat-Tnejn 20 ta' Gunju biex jahsibha dwar l-ghazla li kien mitlub li jaghmel. Ma' dan is-socjeta' zzid li meta l-appellant irrezenja mill-impjieg kien qieghed fiz-zmien tal-*probation*.

**Konsiderazzjonijiet**

Constructive Dismissal

Il-Qorti tal-Appell nr 83/2019 fil-kaz ta' Roderick Azzopardi kontra Malta Public Transport Services (Operations) Ltd jiddeskrivi *"constructive dismissal"* bhala sitwazzjoni fejn il-haddiem gie mgieghel u kostrett li jirrezenja mill-impjieg kontra r-rieda tieghu.

Ghalhekk it-Tribunal ried ihares lejn diversi cirkostanzi biex;

1 jara x'kienu r-ragunijet li wasslu ghar-rizenja,
2 jevalwa jekk dawn ir-ragunijiet kienux serji bizzejjed li nkiser parti fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol jew li kien hemm serje ta' sitwazzjonijiet li meta tpoggihom flimkien joholqu ambjent tant dizmali u mhux accettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq ohra hlief li jirrezenja,
3 jevalwa jekk ir-rizenja kinitx direttament marbuta mar-ragunijiet li ghamlu l-hajja tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol insapportabbli,
4 jevalwa jekk kienx hemm process fejn il-haddiem pogga l-ilmenti tieghu quddiem is-superjuri tieghu biex ikunu rizolti l-istess ilmenti,
5 jevalwa jekk il-manigment jew dawk responsabbli hadux l-ilmenti bis-serjeta' u jekk ghamlux hilithom biex ikunu rizolti b'mod gust,
6 jittawwal ukoll lejn iz-zmien li ghadda bejn meta l-ilment gie ghad-deher tal-management u l-azzjoni tar-rizenja, igiefieri kemm l-effett tar-rizenja kien konsegwenza tal-kawza ta' l-ilment mhux mismuh,
7 jissendika l-ittra tar-rizenja u jara l-konsistenza jew in-nuqqas taghha bejn dak li hu miktub u r-ragunijiet migjuba ghar-rizenja.

<u>Is-sitwazzjoni tax-xoghol fl-Awtorita'</u>

1 Sitwazzjoni impossibbli

Ir-rikorrenti jghid li l-atmosfera fl-ufficcju kienet saret tossika fejn diversi relazzjonijiet tax-xoghol bejn individwi kienet tqila hafna.

Fl-affidavit tieghu l-appellant jistqarr li hu kien impenjat li jibdel dak li hu jiddeskrivi bhala prattici ta' xoghol hziena u attitudni ta' omerta fejn jghaddi kollox. ref folio 68

Izda minkejja l-hidma tieghu hu jallega li;

> *matul ix-xhur ta' wara kompliet tmur ghal aghar bl-intricci u l-bsaten fir-roti.* ref affidavit folio 68

Fix-xhieda tieghu s-sur Stephen McCarthy jghid li mal-migja tas-CEO il-gdid prattikalment inbidel kollox fejn hu anqas inghata aktar xoghol x'jaghmel. Is-sa Marlene Mizzi kellha kliem iebes fil-konfront tas-Senior Officer HR and Standards

u tallega li kienet eziljata f'ufficcju iehor, minhajr rwol. Ref - Seduti 2 ta' Dicembru, 2022 u 24 ta' Marzu, 2023.

2 Allegazzjonijiet ta' Abbuzi

Ir-rikorrenti jispjega li hu kien ghamel tliet rapporti lil ex-CEO s-sur Azzopardi dwar allegati abbuzi li skond hu, is-CEO baqa' ma ghamel xejn dwarhom. Mal-migja tas-CEO il-gdid, kien rega ressaq l-istess rapport, anzi din il-darba anki tkellem dwarhom mac-chairperson tal-Bord ta' l-Awtorita'. Fl-Atti ma hemm ebda evidenza li tindika li saret xi investigazzjoni dwar dawn ir-rapporti. Tant li meta s-CEO kien mistoqsi jekk is-Senior Officer HR and Standards kienitx il-persuna li dwarha r-rikorrenti kien ghamel ir-rapporti, is-CEO irrisponda;

> *"ma nafx inwiegbek" seduta 6 ta' Ottubru, 2023.*

Fl-affidavit tieghu, l-appellant jelenka diversi allegazzjonijiet li kienu serjament qed jinkwetawh u tant l-esperjenza tieghu fuq il-post tax-xoghol kienet saret difficli, li kien perswaz li t-tmiem tieghu, bhala impjegat ma' l-Awtorita', ma kienx il-boghod.

> *"l-attenzjoni daret kollha kemm hi fuqi, fejn dan kien l-bidu tat-tmien tieghi."* ref affidavid folio 73

<u>Il-kaz ta' tqassim ta' informazzjoni mhux mixtieqha.</u>

L-esponent appellant jghid li meta ccirkola l-emejl hu ghamel hekk ma' sitt persuni anzjani fil-manigment u annessi ma' din l-emejl kien hemm l-HR Plan, il-Badgits, kif ukoll il-*working plan* li fih kien hemm is-salarji personali f'kull dipartiment fost dettalji ohra. Ir-rikorrenti jghid li d-dettalji li kien fih dan id-dokument kienu ta' *"mportanza assoluta"* – affidavit folio 74.

Ic-CEO ikkonsidra t-tqassim ta' informazzjoni dwar is-salarji individwali bhala zball serju, tant li r-rikorrenti offra li jitlob lil dawk li kienu rcevew l-emejl biex ihassruha istantanjament – ref affidavit folio 75.

It-Tribunal mhux sa jidhol fil-mertu ta' jekk salarji mhallsa minn fondi pubblici ghandhomx ikunu sigrieti jew le imma f'dan il-kaz, anki jekk din l-informazzjoni tqassmet biss mas-*senior management* tqieset mhux f'lokha kemm mir-rikorrenti u kemm mis-CEO. Ghalhekk, r-rikorrenti bhala Senior Head ghal Finanzi u l-Amministrazzjoni kellu r-responsabbilta' li jikkonsulta mas-CEO qabel jiccirkola

informazzjoni meqjusa sensittiva u mportanti u ghaldaqstant zbalja meta ma ghamilx dan.

Iz-zewg options

Ic-CEO jghid li ta zewg "*options*" lir-rikorrenti dak li jirrezenja mill-impjieg minn ma' l-Awtorita' jew li jkollu l-impjieg tieghu terminat.

Ic-CEO jispjega li tah dawn iz-zewg "options" ghaliex jekk jirrezenja r-rikorrenti kien ikollu aktar cans jahdem fis-Servizz Pubbliku. L-esponent izid li ta lir-rikorrenti l-jum tat-Tnejn 20 ta' Gunju *leave* biex jahsibha dwar liema "*option*" sa jiehu. Nhar it-Tlieta 21 ta' Gunju, l-intimata socjeta' tistqarr li s-sur Scerri qallu verbalment li ghazel li jirrezenja u wara anki ghamilha bil-miktub.

Minn naha l-ohra, r-rikorrenti jghid li s-CEO qallu biex ma jidholx ghax-xoghol fil-jum tat-Tnejn 20 ta' Gunju sabiex ikollu c-cans li jikkonsulta mas-Segretarju Permanenti. Ghalhekk ftehemu li jidhol ghax-xoghol it-Tlieta 21 ta' Gunju. Ir-rikorrenti izid li kien propju dakinhar li, s-CEO fil-prezenza tas-Senior Officer HR and Standards, tah iz-zewg "*options*". Hu jghid li dan kien abbuz u ghalhekk jargumenta li b'dan l-agir ma kien fadal l-ebda "*mutual trust and confidence*" u ghalhekk ma kellux alternattiva hlief li jirrezenja.

Fix-xhieda tieghu is-CEO jistqarr li;

> *Fl-ahhar mill-ahhar xorta konna se naslu nahseb jien habba l-gravita' tal-kaz ghall-istess konkluzjoni.* Ref Seduta 26 ta' Mejju, 2023

Fil-kaz odjern jidher car li s-CEO kien diga hadha d-decizjoni tat-terminazzjoni tant li ghamel il-hsibijiet tieghu cari mar-rikorrenti. In-narrattiva tal-principal kien jindika car li l-incident dwar l-informazzjoni tas-salarji surreferita kien wasslu biex jitlef ghal kollox il-fiducja tieghu fir-rikorrenti. Dan wassal biex parti fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol tinkiser.

L-awtur Selwyn fil-ktieb tieghu *Law of Employment – 21st edition para 17.21* jghid is-segwenti;

> *Where the employee himself terminates the contract, with or without notice, in circumstances where he is entitled to terminate it without notice by reason of the employer's conduct: this is known as*

*'constructive dismissal', for although the employee resigns, it is the employer's conduct which constitutes a repudation of the contract, and the employee accepts that repudiation by resigning.*

Effettivament ir-rikorrenti hekk ghamel.

*Ghalhekk meta gie suggerit lili biex nirrezenja ghaliex kont ser nigi tterminat mill-esponenti jiena iddecidejt li ma flahtx iktar ghall-agir abbuziv kontinwi tal-Awtorita. Ma kien fadal ebda mutual trust and confidence li jgieb mieghu kuntratt tax-xoghol u ghalhekk ma kellix ghazla ohra hlief li nirrezenja.* ref affidavid folio 76

F'kuntratt ta' mpjieg il-fiducja bejn il-principal u l-haddiem hija essenzjali anzi necessarja biex ir-relazzjoni lavorattiva tilhaq l-iskop taghha u tirnexxi. Jekk ikun hemm xi agir minn naha tal-principal li b'xi mod jaghmel hsara serja lil din il-fiducja dan ikun ksur fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol. F'cirkostanzi bhal dawn jekk il-haddiem jirrezenja, jista' jkun kaz ta' rizenja sfurzata – *constructive dismissal.*

Fl-affidavit l-esponent jaghmel elenku twil tar-ragunijiet li skont hu holqu sitwazzjoni mpossibbli biex jahdem fiha b'serenita' u jistqarr li anki l-ilmenti li kien ghamel b'mod ufficjali kienu waqghu fuq widnejn torox. Tul il-process ir-rikorrenti bena kaz fuq it-tezi li kien hemm pjan ta' xi uhud, inkluz is-CEO, biex jehilsu minnu l-barra mill-Awtorita'. Ref Dok LSA folio 68. Finalment ir-rikorrenti jghid li ma kellu l-ebda alternattiva ghajr li jirrezenja ghaliex il-fiducja bejn il-partijiet kienet spiccat.

Minn naha l-ohra harsa lejn l-ittra ta' rizenja, ref Dok B folio 29, ma taghmel l-ebda referenza ghal dan l-elenku ta' sitwazzjonijiet deskritti bhala *kwazi mpossibbli*, jew ghal fatt li r-rikorrenti ma kellux l-ilmenti tieghu mismugha jew li l-principal kien kiser element fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol.

Ghalhekk hija surreali ghal dan it-Tribunal li, minkejja li r-rikorrenti jiddeskrivi sitwazzjoni lavorativa tant dismali, fl-ittra ta' rizenja r-rikorrenti jaghti wiehed x'jifhem li r-relazzjoni lavorattiva tieghu mas-CEO kienet wahda amikevoli ghall-ahhar. ref affidavid folio 68-78.

*It was a pleasure to have met you even for a very short period of time.* Dok B folio 29.

L-awtur Selwyn fil-ktieb tieghu *Law of Employment – 21st edition para 17.21* jghid is-segwenti;

> *The employee must clearly indicate that he is treating the contract as having been repudiated by the employer, and if he fails to do so, by word or by conduct, he is not entitled to claim that he has been constructively dismissed.*

Hija kontradizzjoni li, filwaqt li r-rikorrenti jallega fl-affidavit tieghu li *din l-istorja kollha giet stigata mis-CEO* - ref affidavit folio 78 fl-ittra ta' rizenja jistqarr kemm kien ta' pjacir ghalih li jsir jaf lill-istess CEO. Dawn il-kontradizzjonijiet surreferiti jaghmlu l-ittra ta' rizenja mhux biss ambigwa, imma taghmel it-talba ta' tkeccija ingusta a bazi ta' *constructive dismissal*, mhux kredibbli.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrenti s-sur Leonard Scerri kien terminat mix-xoghol gustament u ghalhekk skont il-ligi.

L-ispejjeż tal-kawża għad-debitu tal-partijiet rispettivi u separatament.

It-Tribunal jiddikjara il-każ magħluq.

**(iffirmat)**

Is-Sur Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju